**SEJĦA PUBBLIKA GĦAL DAWK KOLLHA LI GĦANDHOM RIĊERKA LOKALI DWAR L-EFFETTI TAL-*MEDIA* FUQ IL-FAMILJA MALTIJA**

Wara l-laqgħa ta' nhar il-15 ta' Ottubru, 2008[1] li kienet titratta l-effetti tal-*media* fuq il-familja, il-Kumitat dwar l-Affarijiet Soċjali ġibed l-attenzjoni li jinħass il-bżonn ta' aktar riċerka lokali fuq dan is-suġġett (ara stqarrija għall-istampa numru 1506[2]).

Jidher li din il-laqgħa qanqlet interess u l-Kumitat ġie avviċinat minn diversi riċerkaturi li għamlu studju fuq l-effetti tal-*media* fuq il-familja jew is-soċjetà Maltija. Dan ġie nnutat bi pjaċir u għaldaqstant il-Kumitat qed isejjaħ għal dawk il-persuni li għamlu xi tip ta' riċerka fuq dan is-suġġett sabiex jiktbu lil Onor Edwin Vassallo MP (*Chairperson*) fuq edwin.vassallo@gov.mt, b'kopja lis-Sur James Carabott, *Research Analyst* fuq james.carabott@gov.mt. Il-Kumitat dwar l-Affarijiet Soċjali lest li jiltaqa' ma' dawn ir-riċerkaturi u jorganizza laqgħa pubblika fil-futur sabiex jintefa' aktar dawl fuq is-suġġett.

---

[1] Isma s-seduta fuq http://www.parliament.gov.mt/information/Committee%20-%20Social%20Affairs%20Committee/11-Social%20Affairs%20Committee.asp

[2] http://www.doi.gov.mt/EN/press%5Freleases/2008/10/pr1506.asp

**DOI – 24.10.2008**